MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### TONIO MALLIA

Seduta tad-29 ta' April, 2004

Citazzjoni Numru. 309/2002/1

**BANK OF VALLETTA P.L.C.**

**Vs**

**ALFRED U DOREEN MIZZEWGIN ATTARD**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-Bank attur fit-18 ta' Marzu 2002, li in forza taghha, wara li ppremetta illi in forza ta' bejgh in subasta mizmum taht l-Awtorita' ta' din il-Qorti fl-4 ta' Mejju, 1999 subasta numru: 26/98 giet liberata a favur tas-socjeta' attrici bil-prezz ta' hamsa u erbghin elf u hames mitt Liri Maltin (LM45,500.00) "*animo compensandi*" il-villa bla numru "Galway", fi Triq Dun Mikiel Xerri, Misrah Kola, Attard, li qabel kienet tappartjeni

lis-subastati Dottor Antoine u Dottor Nadia mizzewgin Gambin.

Ippremettiet illi s-socjeta’ attrici talbet illi tikkompensa l-prezz fuq imsemmi ma’ parti mid-debitu dovut lis-socjeta’ protestanti mill-imsemmija konjugi Gambin ammontanti ghal tlieta u sebghin elf u tmienja u ghoxrin Liri Maltin u disgha u disghin centezmu (LM73,028.99) flimkien ma’ l-imghaxijiet ulterjuri mit-22 ta’ April, 1996 sal-jum tal-pagament effettiv, u dan permezz ta’ rikors ipprezentat fl-10 ta’ Mejju, 1999 (Dok. “B”) liema talba giet opposta permezz ta’ risposta pprezentata mill-konvenuti fis-27 ta’ Mejju, 1999 – vide Dok “C”.

Ippremettiet illi, minhabba l-opozizzjoni ta’ l-istess konvenuti, is-socjeta’ attrici kellha tiddepozita l-imsemmi prezz taht l-Awtorita’ tal-Qorti kif effettivament ghamlet permezz ta’ cedola ta’ depozitu pprezentata fit-18 ta’ Mejju, 2000 (Dok “D”).

Ippremettiet illi, s-socjeta’ attrici kreditrici fis-somma fuq imsemmija, hija munita b’ipoteki li jippregradwaw dawk tal-kredituri l-ohra kolla fosthom dawk ta’ l-istess konvenuti, fosthom ipoteki numri 16883/92, 23098/92, 3240/93, 4208/94, 6443/96, 6445/96 li kopja taghhom qed tigi hawn esebita u markata “Dok. “E”, “F”, “G”, “H”, “I”, u “J”).
Ippremettiet illi, l-konvenuti gew interpellati biex jirtiraw l-imsemmija opozizzjoni ghar-ragunijiet fuq imsemmija u dan anki permezz ta’ Protest Gudizzjarju pprezentat fid-19 ta’ Gunju, 2001 li kopja tieghu qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok. “K”, izda dawn baqghu inadempjenti.

Talbet biex ighidu l-konvenuti ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija,

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta’ attrici hija munita b’ipoteki li jippregradwaw dawk ta’ krendituri ohra fosthom ta’ l-istess konvenuti u li ghalhekk id-depozitu li sar permezz ta’ cedola ta’ depozitu numru 486/2000 fis-somma ta’ hamsa u erbghin lef u hames mitt Liti Maltin (LM45,500.00) jirrispetta lill-istess socjeta’ attrici;

(2) Tawtorizza lill-istess socjeta’ attrici tirtira mir-Registru ta’ din il-Qorti l-imsemmija somma ta’ hamsa u erbghin elf u hames mitt Liri Maltin (LM45,500.00) depozitata permezz ta’ cedola ta’ depozitu 486/2000 fuq imsemmija;

(3) Tiddikjara lill-istess konvenuti responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta’ attrici konsistenti partikolarment imma mhux esklussivament fl-imghax legali ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq is-somma ta’ hamsa u erbghin elf u hames mitt Liri Maltin (LM45,000.00) depozitata fit-18 ta’ Mejju, 2000;

(4) Tillikwida d-danni sofferti; u

(5) Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Protest Gudizzjarju pprezentat fid-19 ta’ Gunju, 2001 kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi preliminarjament, dwar l-ewwel u t-tieni talba, s-socjeta’ attrici trid tipprova t-titolu taghha.

Fil-mertu, l-pretensjoni tad-danni tal-Bank attur hi manifestament infondata fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-eccipjenti pprocedew kontra d-debituri bi proceduri gudizzjarji li ghaddew in gudikat u li permezz taghhom saret is-subasta li minnha bbenifika l-Bank attur. L-eccipjenti m’ghamlu l-ebda opozizzjoni vessatorja, kif jidher mill-kontenut tar-risposta oppositorja taghhom.

Salvi dejjem eccezzjoni ohra.

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-Noti ta’ l-Osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza hija, tista’ tghid, konkors bejn zewg kredituri fuq is-somma ta’ LM45,500 depozitata fil-Qorti fit-18 ta’ Mejju, 2000, permezz ta’ cedola ta’ depozitu numru 486/00, wara bejgh bis-subbasta ta’ fond li kien jappartjeni lid-debituri komuni tal-partijiet, u cioe’, Dottor Antoine u martu Dottor Nadia mizzewgin Gambin. Il-proceduri bis-subbasta gew inizjati mill-konvenuti Attard li b’rikors tas-6 ta’ Marzu, 1998, ippremettew illi huma kredituri tal-koppja Gambin ghas-somma ta’ Lm5576.33,3 u talbu l-bejgh bis-subbasta tal-proprjeta’ “*Galway”* qabel *“Shamrock*”, fi Triq Dun Mikiel Scerri, Attard. B’nota ta’ l-1 ta’ Frar, 1999, il-Bank attur dahal fl-atti tas-subbasta *ai termini* ta’ l-artikolu 346 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-istess Bank attur talab u gie awtorizzat joffri fis-subbasta *animo compensandi*. Fil-konkluzjoni tal-procedura tas-subbasta, il-fond indikat gie liberat favur il-Bank attur li offra s-somma ta’ LM45,000 ghall-istess fond. Il-Bank attur hallas l-ispejjes tal-liberazzjoni u l-bolli relattivi u l-fond gie liberat favur tieghu. Il-Bank attur talab li l-hlas ta’ LM45,000 (prezz tal-bejgh) isir b’kumpensazzjoni ma’ parti mill-kreditu tieghu versu l-konjugi Gambin, li kien jammonta ghall-aktar minn LM73,000. Il-konvenuti Attard opponew ghal din il-kompensazzjoni, u, fid-dawl ta’ dik l-oppozizzjoni, din il-Qorti b’digriet ta’ l-4 ta’ Ottubru, 1999, ordnat lir-rikorrenti sabiex jekk jidhirlu jipprocedi skond il-ligi. Il-Bank attur, nieda korrispondenza mal-konvenuti biex jipprova jasal f’xi ftehim u jevita proceduri gudizzjarji izda meta l-partijiet ma waslux fi ftehim, il-Bank attur nieda dawn il-proceduri. L-oppozizzjoni tal-konvenuti hija bazata fuq il-fatt li kienu huma li pprocedew kontra d-debituri bil-proceduri gudizzjarji li permezz taghhom saret is-subbasta li minnha bbenifika l-Bank attur. Il-konvenuti ma huma qed jivantaw ebda ipoteka jew privilegg li taghtihom xi preferenza fuq il-kreditu tal-Bank attur, li jirrizulta li huwa

superjuri ghas-somma depozitata u huwa kollu munit b'ipoteki debitament registrati fir-Registru Pubbliku.

Issa kif inhu maghruf, il-fatt li kreditur jibda proceduri ghas-subbasta, ma jakkwistax b'daqshekk privilegg jew kawza ta' preferenza, u huwa xorta jibqa jzomm il-pozizzjoni tieghu fl-ordni tal-krendituri li jkunu qed jikkonkorru fuq somma depozitata. L-uniku privilegg li taghtieh il-ligi bl-artikolu 2003 u 2004 tal-Kodiici Civili, huwa ghall-ispejjez gudizzjarji li jsiru "fl-interess tal-kredituri kollha, fosthom l-ispejjez mehtiega sabiex isir il-bejgh tal-beni u l-qsim tal-prezz taghhom". Il-ligi lanqas taghti lil dak il-kreditur ezekutant privilegg ghall-ispejjez minnu inkorsi ghall-kanonizazzjoni tal-kreditu tieghu, ghax ghalkemm l-artikolu 337(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jitlob li meta min jixtri l-proprjeta' b'subbasta ma jkunx l-esekutant, dan ghandu jiddepozita l-ispejjez li l-esekutant ikun ghamel ghall-kanonizazzjoni tal-kreditu tieghu u ghall-irkant, il-ligi ma tfornix lill-ispejjez ghall-kanonizazzjoni tal-kreditu b'xi privilegg specjali. Anzi, l-artikolu 2004 (2) tal-Kodici Civili jghid li "l-ispejjez li l-kreditur jaghmel ghall-kreditu tieghu nnifsu u li mhumiex ta' gid ghall-kredituri l-ohra, jitiqesu bhala accessarju tal-kreditu stess", u imbaghad l-artikolu 2095 ta' l-istess Kodici Civili jkompli jiddisponi li

"Fl-istess grad li fih ikun imqieghed kreditu, jitqieghdu l-imghaxijiet ta' dak il-kreditu, l-ispejjez ta' l-iskrizzjoni u l-ispejjez maghmulin, meta hu mehtieg, biex il-kreditu jigi maghruf b'sentenza kemm-il darba dawn l-ispejjez ta' l-ahhar ma jkunux privileggati xort'ohra:

(ara 'Aquilina vs Camilleri', deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Mejju, 1950, Vol. XXXIV.I.366).

Kwindi, l-uniku privilegg li jistghu jirreklamaw il-konvenuti huwa ghall-ispejjez minnhom inkorsi ghall-proceduri tas-subbasta; oltre dawn, il-kreditu taghhom jirrizulta b'mod car li jirrankja wara dak tal-Bank attur. Kemm huma dawn l-ispejjez ma jirrizultax formalment, izda l-Bank attur, f'wahda mill-ittri tieghu, irrikonoxxa li dawn l-ispejjez ilahhqu s-somma ta' LM474.12, u kwindi din il-Qorti, fin-

nuqqas ta’ prova ohra, sejra tqis din is-somma bhala privileggjata favur il-konvenuti.

Ghar-rigward it-talba tal-Bank attur ghad-danni, l-artikolu 1047(1) jiddisponi illi “Il-hsara li tikkonsisti f’illi ttellef lil persuna l-uzu tal-flus taghha, tissewwa bil-hlas ta’ l-imghaxijiet li jitqiesu bit-tmienja fil-mija fis-sena”. Il-konvenuti kienu *in colpa* meta kienu jafu li ma kellhomx preferenza fuq is-somma depozitata (hlief ghall-ispejjez tas-subbasta) izda zammew lill-Bank milli jiehu l-flus dovuti lilu. Il-fatt li l-Bank attur naqas li jaghmel id-depoziti rikjesti taht l-artikolu 337 (2), huwa nuqqas procedurali li, pero’, ma jaghtix dritt lill-konvenuti jopponu r-rilaxx ta’ dak li hu dovut lill-istess Bank attur. Il-konvenuti setghu insistew ghal dak li taghtihom il-ligi, izda mhux li jopponu ghall-izbank tas-somma kollha ta’ LM45,000, li fuq il-*gran parte* minnha m’ghandhomx kawza ta’ preferenza jew pretensjoni li tigi qabel dik tal-Bank attur.

Dwar minn meta ghandhom jidbew jghaddu l-imghax, il-konvenuti gew infurmati b’protest Gudizzjarju tad-19 ta’ Gunju, 2001, li l-Bank attur kellu pretensjoni aqwa minn dik tal-konvenuti, u l-konvenuti nghataw din il-prova b’ittra tat-30 ta’ Awissu, 2001. Kwindi, il-Bank attur gie ingustament mtellef mill-uzu tal-flus tieghu mill-1 ta’ Settembru, 2001, sad-data ta’ din is-sentenza, ghal liema hsara jridu jaghmlu tajjeb il-konvenuti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza, billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, u tilqa’ t-talbiet attrici fis-sens li tilqa’ l-ewwel talba, tilqa’ t-tieni talba limitatament ghas-somma ta’ LM45,025.88 (hamsa u erbghin elf, hamsa u ghoxrin lira u tmienja u tmenin centezmu) (u dana peress li l-konvenuti ghandhom privilegg fuq is-somma depozitata fis-somma ta’ LM474.12), u tilqa’ wkoll it-talbiet l-ohra attrici, billi tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli ghat-telf ta’ flus il-Bank attur mill-1 ta’ Settembru, 2001, sal-lum u tillikwida dawn id-danni fl-ammont ta’ LM9,605 (disat elef, sitt mija u hames liri Maltin) u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu in solidum bejniethom din is-somma, bl-imghax ulterjuri millum sal-pagament effettiv.

L-ispejjes tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenuti in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------